17 ta' Ottubru, 1949.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Alfred Tonna *versus* Emmanuele Vella et.

**Simulazzjoni — Rexissjoni — Preskrizzjoni — Art. 1266, 1268 u 2248 tal-Kodići Ċivili.**

*L-azzjoni ta' simulazzjoni ma għandhiex tiġi konfuża ma' dik ta' rexissjoni; għax fil-waqt li r-rexissjoni għandha l-iskop li tannulla kuntratt li jonqsu xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali għall-eżistenza tiegħu, jew għax ikun affett minn xi vizzju, jew għax ikun leżiv għal xi waħda mill-partijiet, is-simulazzjoni hija mtiża għall-otteniment ta' dikjarazzjoni ta' l-ineżistenza ta' l-att għax il-partijiet qatt ma riedu jagħtuh eżistenza legali u ebda effikaċja.*

*Għaldaqstant għall-azzjoni tas-simulazzjoni mhix applikabili l-preskrizzjoni ta' sentejn jew ta' ħames snin li, skond il-każ, hija applikabili għall-azzjoni tar-rexissjoni; imma hija applikabili l-preskrizzjoni ta' tletin sena.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni. li bih l-attur, wara li ppremetta illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-4 ta' Ġunju 1948, fil-kawża "Emmanuele Vella et. vs. Alfredo Tonna" (ċitazzjoni numru 233 ta' l-1946) ipprovdiet illi fi żmien għaxart ijiem huwa, li kien l-appellant f'dik il-kawża, kellu jimpunja, jekk ried, l-iskrittura fil-fol. 13 ta' l-istess proċess. li minnha jidher li huwa kkostitwixxa ruħu debitur versu l-konvenuti fis-somma ta' £350 li kien ħa minn għandhom b'titolu ta' mutwu "brevi manu". u li huwa obbliga ruħu li jħallas b'rati ta' £8 fix-xahar mingħajr imgħax. u jibda jħallas fil-15 ta' Lulju 1942, bid-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu fil-każ ta' morożità fil-ħlas ta' tliet pagamenti jew ta' ammont ekwivalenti, u li huwa ħallas dak in-nhar is-somma ta' £50 akkont, u għalhekk il-bilanċ jibqa' ta' £300; talab illi jiġi dikjarat u deċiż illi l-imsemmija skrittura hija simulata. billi s-self fiha indikat ma sarx. u billi ntgħamlet għal raġunijiet oħra differenti minn dik li hemm fl-istess skrittura; u konsegwentement tiġi dikjarata nulla dik l-istess skrittura u ta' ebda effett għal kull raġuni valida fil-liġi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

*Omissis;*

Illi l-konvenuti eċċepew il-preskrizzjoni kontra l-azzjoni ta' l-attur, ta' sentejn fil-każ li l-attur jippretendi li l-obligazzjoni hija mingħajr kawża (art. 1266 Kodiċi Ċivili), u ta' ħames snin fil-każ li jippretendi li l-motiv ta' l-azzjoni tar-rexissjoni huwa bażat fuq kawżi oħrajn mhux kontemplati fl-art. 1268;

Tikkunsidra fuq din l-eċċezzjoni;

Illi, kif ġa ngħad, fl-att taċ-ċitazzjoni l-attur talab li tiġi dikjarata simulata d-dikjarazzjoni kontenuta fl-imsemmija skrittura, li huwa kien isselief minn għand il-konvenuti s-*somma* ta' £350, u li huwa kwindi debitur lejhom f'dik is-somma;

Illi kontra din il-pretensjoni ta' l-attur ma tistax tiġi effikaċement invokata la l-preskrizzjoni ta' sentejn ta' l-art. 1266 (2) u lanqas dik ta' ħames snin ta' l-art. 1268; għaliex, kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Novembru 1898, fil-kawża "Grech vs. Zammit" (Kollez. Vol. XVI — II — 332):— "Quelle prescrizioni riguardano l'azione di nullità e di rescissione tendente ad annullare un contratto mancante di qualcuna delle condizioni necessarie alla sua esistenza, od infetto di qualche vizio che lo invalidi, o lesivo ad uno dei contraenti, nei casi in cui è permessa la rescissione per causa di lesione. L'azione di simulazione non può confondersi colla rescissione, poichè chi la esercita mira ad ottenere la dichiarazione dell'inesistenza dell'atto cui le parti non intesero mai attribuire alcuna esistenza legale od alcuna efficacia. Quindi l'azione di simulazione è soggetta soltanto alla prescrizione trigenaria stabilita nell'articolo 1907 (2248 Kodiċi Ċivili) della detta Ordinanza (VII ta' l-1868)";

Għal dan il-motiv;

Tirriġetta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Tiddifferixxi l-kawża għas-seduta tas-27 ta' Ottubru 1949, għat-trattazzjoni fil-meritu, jekk ma jkunx hemm appell minn din is-sentenza.